**29 ta' Marzu, 1996**

**Imhallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A.(Hons.), LL.D. - President**

Henry, Emanuel, George, Michael, Licia mart Mario Calleja, Phyllis mart Lino Enriquez, Maria, Beatrice u Caterina ahwa Peresso

*versus*

Rosario Caruana

**Digriet - Nullita` ta' - Ċessjoni ta' Drittijiet Litiġjużi - Eżerċizzju ta' - Drittijiet Patrimonjali**

*Il-Qorti ta' l-Appell annullat digriet ta' l-Ewwel Qorti ghaliex parti*

*minnu kien nieqes minn motivazzjoni u konsiderazzjoni ta' dritt proċedurali li jiġġustifikawha.*

*Biex f'kawża ta' żgumbrament issir leġittimazzjoni ta' l-atti wara mewt, ma hemmx bżonn ċessjoni ta' drittijiet litiġjużi għaliex id-dritt ta' azzjoni għal żgumbrament huwa inerenti fid-drittijiet patrimonjali tal-proprjetarju u għalhekk il-Qorti ta' l-Appell annullat id-digriet ta' l-Ewwel Qorti u rrimettiet l-atti lura għall-kontinwazzjoni.*

Il-Qorti:-

Dan l-appell hu minn digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' Settembru, 1995, fil-kawża fl-ismijiet premessi li bih il-Qorti laqgħet it-talba ta' Michele Peresso u "ordnat il-leġittimazzjoni ta' l-atti billi jiġu inklużi ukoll Michele Peresso u Emmanuele Peresso";

Dan id-digriet ingħata billi fl-24 ta' Settembru, 1992, l-atturi intavolaw rikors fejn affermaw illi fil-mori tal-ġudizzju Michele Peresso akkwista 1/28 parti indiviża tal-fond meritu tal-kawża u talbu li l-istess Michele Peresso għandu interess jintervjeni fil-kawża;

Il-konvenuti appellanti wieġbu illi dan ir-rikors kien irritwali peress illi jekk Michele Peresso akkwista parti mill-fond *de quo* mingħand xi ħadd fost l-atturi, allura huwa kellu jagħmel proċedura għal-leġittimazzjoni ta' l-atti u mhux talba biex jassoċja ruħu fl-istanza qua intervenjenti;

Huma ssottomettew ukoll li l-imsemmi Michele Peresso mhux biżżejjed li jipprova illi huwa xtara s-sehem indiviż minnu indikat, iżda ukoll "li fuq kollox illi huwa ġie assenjat mill-attur qua aventi kawża tiegħu d-dritt litiġjuż *ai termini* ta'

l-artikolu 1469 tal-Kodiċi Ċivili";

Fis-16 ta' Mejju, 1995, l-istess Michele u Emma Peresso talbu li ġaladarba huma xtraw sehem indiviż mil-fond, l-atti għandhom jiġu leġittimati f'isimhom ukoll u b'hekk isiru parti in kawża ma' l-atturi l-oħra;

Il-konvenuti appellanti wieġbu għal dan ir-rikors li bih l-istess konjuġi Peresso ittantaw jirregolarizzaw il-proċeduri illi l-istess rikorrenti ma ndikawx ta' min fost l-atturi huma akkwistaw is-sehem mill-fond;

Issottomettew ukoll illi la darba r-rikors ġie pprezentat mill-akkwirenti u mhux mill-atturi l-oħra, huma ma setgħux jaddottaw il-proċedura tal-leġittimazzjoni iżda dik ta' nota ta' assunzjoni. B'hekk il-proċedura *de quo* hi irrita u nulla u ma tissodisfax il-vot tal-liġi;

Inoltre reġgħu irribadew is-sottomissjoni tagħhom illi mhux biżżejjed li r-rikorrenti Peresso jippruvaw li huma akkwistaw is-sehem mill-proprjeta` iżda ukoll li jippruvaw li akkwistaw id-dritt litiġjuż;

Fit-28 ta' Diċembru, 1995, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddekretat:

Billi t-talba saret minn Michele u Emma Peresso u ġiet mitluba l-leġittimazzjoni ta' l-atti f'isimhom qua rikorrenti, "għalhekk m'hemmx għaliex dan ir-rikors ma jkunx milqugħ". Fuq dan hemm l-ewwel aggravju ta' l-appellanti;

Dwar l-akkwist tad-dritt litiġjuż issollevat fir-risposti tar-rikorsi preċedenti, il-Qorti qalet li "hu ovvju li *tali intenzjoni*

eżistit f'moħħ l-akkwirent kif ukoll f'moħħ iċ-ċessjonarju. Tant *hu hekk li hemm rikors simili f'dan is-sens minn Henry Peresso* (attur). Għalhekk f'dan il-każ l-eċċezzjoni m'għandhiex tiġi milqugħa". Fuq dan hemm it-tieni aggravju ta' l-appellanti;

L-appell fuq l-ewwel aggravju hu għal kollox ġustifikat. Mhux biss din il-parti tad-digriet hi nieqsa mill-motivazzjoni, hi *ukoll nieqsa minn konsiderazzjoni ta' dritt proċedurali li* jiġġustifikawha. Hu ovvju li mhijiex applikabbli għall-każ il-proċedura tal-leġittimazzjoni ta' l-atti li fil-verita` tipresupponi li hemm xi defiċjenza fil-kapaċita` ta' l-atturi jew tal-konvenuti li kienet teħtieġ li tiġi rimedjata qabel il-kawża tkun tista' tipproċedi. Wisq anqas hu l-każ, kif iddeċidiet il-Qorti "li Michele u Emanuele Peresso jiġu nklużi" fil-kawża. Il-Qorti ma tgħidx jekk hux bħala atturi jew konvenuti. It-talba li "Michele Peresso jassoċja ruħu" ma' l-atturi l-oħra tipprospetta figura ta' parti assoċjata f'kawża li hu ġuridikament inammissibbli u legalment ineżistenti;

Bħala fatt jirriżulta li b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard tas-7 ta' Lulju, 1992, Emanuele Peresso, attur f'din il-kawża, biegħ is-sehem indiviż li kellu fil-fond meritu tal-kawża lil Michele Peresso. Bl-akkwist ta' dan is-sehem Michele Peresso ssubentra fid-drittijiet ta' proprjeta` li kellu Emanuele Peresso fuq il-fond *de quo*. Hu għal kollox korrett allura l-appellant meta jissottometti li kull ma kien hemm bżonn biex l-atti jiġu regolarizzati - dejjem salv dak li jista' jingħad fuq it-tieni aggravju - hu li Michele Peresso (u issa ukoll martu Emma Peresso bħala komparteċipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti) jassumi l-atti minflok l-attur Emanuele Peresso li allura għandu jinħareġ mill-kawża billi ma jkunx għad fadallu ebda interess ġuridiku fiha. Hekk kellu jsir u hekk għandu jsir;

Jibqa' x'jiġi deċiż jekk biex issir din l-assunzjoni ta' l-atti

da parti ta' Michele u Emma Peresso kienx jeħtieġ li fil-kuntratt li bih l-istess Michele Peresso akkwista s-sehem indiviż ikun ġie ukoll lilu trasferit id-dritt litiġjuż. Jingħad mill-ewwel illi l-konsiderazzjonijiet ta' l-appellanti fir-rigward tal-forma ta' l-iskrittura meħtieġa *ad validitatem* għat-trasferiment tad-dritt litiġjuż, huma għal kollox korretti. Konsegwentement, is-sentenza appellata hi żbaljata in kwantu apparentement tipprospetta li tali trasferiment jista' jsir jew verbalment jew anke a dirittura, billi jiġi preżunt li hekk kienet l-intenzjoni tal-kontraenti. Dan hu għal kollox skorrett;

Mill-banda l-oħra is-subinċiż (2) ta' l-artikolu 1483 tal-Kodiċi Ċivili jiddefinixxi l-jedd litiġjuż "meta jkun hemm kawża kontestata fuq jekk hemmx dak il-jedd jew meta l-kreditu ma jkunx likwidu jkun diffiċli li jiġi likwidat". Issa fil-każ in eżami, Michele Peresso xtara sehem indiviż minn fond. Ma xtara l-ebda jedd li jaġixxi biex jiżgombra lil min kien qed jokkupah bla titolu. Dan m'għamlux, u ma kellu ebda ħsieb jagħmlu, għax ma kienx meħtieġ li jagħmel hekk billi dan il-jedd hu inerenti mal-kwalita` tiegħu ta' proprejtarju li hu assuma appena xtara s-sehem mill-fond. L-eżerċizzju ta' dan id-dritt li jiżgombra lil min kien qed jokkupa l-fond tiegħu bla titolu, fih innifsu mhuwiex, u ma jistax ikun ikkontestat, anke jekk l-attwali okkupant jista' jopponi talba għar-ripreża tal-fond billi jinsisti li ma jokkorrux fir-rigward tiegħu, l-elementi meħtieġa biex hu - bħala attur sid - jeżerċita dak id-dritt li jiżgombrah. Fil-preżenti stanza allura l-istess Michele Peresso jissubentra fid-drittijiet ta' l-attur Emanuele Peresso - l-awtur tiegħu - fl-eżerċizzju tal-jeddijiet kollha patrimonjali tiegħu u mhux in kwantu hu qed jaġixxi kontra l-preżenti konvenut għal xi jedd li jmur oltre d-dritt ta' proprjeta` li hu akkwista. Hu biżżejjed allura li l-konjuġi Peresso jassumu l-atti minflok l-awtur tagħhom biex l-atti jiġu regolarizzati u l-kawża tkun tista' tissokta;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-appell *u tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-*28 ta' Settembru, 1995 u tirrimetti l-atti quddiem l-Ewwel Qorti biex din tkompli tisma' u tiddeċidi l-kawża fil-meritu. L-ispejjeż ta' dan l-inċident għandhom *jibqgħu riservati għall-*ġudizzju finali.